**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 13 ta' Lulju 2021**

Rikors Numru: 196/21 AL

AB

vs

CD

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhom l-ebda tfal.

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment permezz tal-kuntratt redatt minn Nutar Isabelle Gonzi li gie ppubblikat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) liema kopja hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok B;

3. Illi ghalkemm il-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) huma kienu

ssepparaw de facto mill-ewwel gimgha ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ghalhekk il-partijiet ilhom il-fuq minn erba' snin isseparati. Minn dak in-nhar il-partijiet ma rrikonciljawx.

4. Illi l-partijiet prezentament jghixu l-boghod minn xulxin u r-rikorrenti ma jridx jirrikoncilja maghha u ghaldaqstant ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom. Illi bejn il-partijiet ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment stante li huma rrinunzjaw ghad-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin u dana skont il-hames klawzola tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.

5. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment u dan skont l-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok C ;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, flz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 16 li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-esponenti intimata fir-rikors suċitat tikkonferma illi hija sseparat legalment permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Isabelle Gonzi ippubblikat fl-24 ta' Mejju 2017 wara li ġie awtorizzat mill-Qorti tal-Familja;

2. Illi l-esponenti tikkonferma illi minn dan iż-żwieġ ma kienx hemm tfal mwielda, kif ukoll tikkonferma illi m'hemmx possibilita' ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

3. Illi l-esponenti tikkonferma wkoll de facto hija ilha sseparata minn l-eks żewġha u jgħixu separatament minn xulxin sa' minn Jannar tas-sena 2017.

4. Illi b'hekk hija taqbel perfettament mal-premessi mressqa fir-rikors suċitat.

5. Ghaldaqstant stante illi fid-dawl tas-suespost premessi u fatti kkonfermati, l-esponenti umilment tiddikjara illi hija lesta taċċetta l-ħall taż-żwieġ msemmi.

Bl-ispejjeż jkunu sapportati ugwalment bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Mejju, 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Mejju, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.